

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-44/15)

(2015/C 221/36)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Bellotti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

L-annullament tad-deċiżjoni li tīgi maħtura persuna fil-pożizzjoni ta' kap tal-unità C4 (“Legal Advice”) minflok ir-rirkorrent, li kien qiegħed jaġixxa bħala kap tal-unità ta' din l-unità sa mit-tluq tal-kap tal-unità preċedenti u li ressaq il-kandidatura tiegħu fil-kuntest tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti.

Talbiet

- Tannulla d-deċiżjoni, bir-referenza Ares (2015)43686, tas-7 ta' Jannar 2015, li tiċħad l-ilment imressaq fit-30 ta' Settembru 2014 (Nru R/994/14) abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regoli tal-Persunal;
- tannulla d-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2014 adottata mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF, fil-kwalità tiegħu ta' Awtorità tal-Ħatra, marbuta mal-ħatra tal-kap tal-unità OLAF.C4 (Legal advice);
- tiddikjara li minħabba l-annullament taż-żewġ deċiżjonijiet iċċitat iktar 'il fuq, il-proċedura ta' għażla tal-kap tal-unità OLAF.C4 (Legal advice) hija vvizzjata b'illegalità mill-mument tal-konstatazzjoni tal-illegalitā;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-kumpens – *ex aequo et bono* – tad-dannu marbut mat-telf tal-opportunità subit mir-rirkorrent f'ammont li ma jkun inqas mis-somma ta' EUR 10 000;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' April 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-61/15)

(2015/C 221/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-ħlas tal-Intitolamenti Individwali tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2014 li tirrifżuta li tagħti l-allowance tal-espatriazzjoni lir-rirkorrent.